MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 466/2011

**Cristino Vassallo**

**-vs-**

**David Monseigneur**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fil-11 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi r-rikorrent huwa komproprjetarju u użufruttwarju tal-fond urban 279, Triq San Pawl, San Pawl il-baħar li huwa juża prinċipalment bħala residenza tas-sajf.

2. Illi r-rikorrent għadu kemm skopra illi dan il-fond riċentament ġie okkupat mill-intimat bla ebda titolu ta'

xejn u l-istess intimat għadi qed jokkupa dan il-fond sal-lum.

3. Illi meta r-rikorrent kellem lill-intimat u qallu biex jirrilaxxja l-pussess vakant ta’ dan il-fond u joħroġ minnu, l-intimat qal li hu kien qed jokkupa dan il-fond bl-awtorizzazzjoni ta’ bint ir-rikorrent li kienet iltaqgħet miegħu fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

4. Illi l-intimat ċertament li m’għandhom ebda titlu, jedd jew dritt ta’ kwalsijasi natura biex jokkupa dan il-fond bil-mod abbużiv li bih qed jokkupah fil-preżent bħala *squatter.*

5. Illi fil-fehma tar-rikorrent l-intimat m’għandu ebda eċċezzjonijiet x’jagħti skond il-liġi sabiex jilqa’ għat-talbiet attriċi (*vide* affidavit hawn anness bħala Dok ‘A’) u għalhekk din il-kawża għandha tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u skond proċeduri speċjali sommarji.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddespensa bis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 169 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ii) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa l-fond urban 279, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi; u

(iii) Konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss minn din l-istess Onorabbli Qorti jirrilaxxja l-pussess vakant tal-fond fuq imsemmi a favur tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż kollha u b’riżerva ta’ kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent, inkluz azzjoni għad-danni għall-okkupazzjoni bla titolu, kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess, li permezz tiegħu l-kawża ġiet proposta għas-sentenza.

Peress li l-Qorti jidhrilha li l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq;

**Il-Qorti tiddeċiedi din il-kawza billi tilqa' t-talba kollha attriċi, u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------